MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1118/2010

Raymond Vella (Id. 0499352M) u Carmen Vella (ID. 0412655M), konjugi Vella.

Vs

Victor Gauci (Id. 461568M) u Marisa Gauci (Id. 62168M) konjugi Gauci.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi ppremettew illi l-attur huwa l-proprjetarju ta' 'crane' (Coles) liema crane hu jikri lil diversi nies inkluz ukoll is-servizz ta' l-attur Raymond li jahdem l-istess crane; u peress illi l-konvenut kera l-imsemmi crane flimkien mas-servizz ta' l-attur u dana ghal diversi drabi fuq tul ta' zmien  kif ser jigi spejgat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u peress illi l-konvenut interpellat ihallas ghall-istess servizz diversi drabi baqa ma hallasx u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, talbu ghalhekk l-atturi li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu lill-attturi l-ammont ta' elf u erba mitt ewro (€1,400.00) bl-

imghax legali u bl-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri, inkluz citazzjoni li l-attur kien kostrett ihallas.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf u erba mitt ewro (€1,400.00), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------